# Jitnieda uffiċjalment il-proġett 'Explore More'

**Mar 24, 2017 10:37** **Miktub minn iNews**



Fit-22 ta 'Marzu 2017, tnieda uffiċjalment il-proġett Explore More. Il-proġett huwa ffinanzjat taħt KA2 - Sħubiji Strateġiċi tal-Erasmus+: l-programm tal-Unjoni Ewropeja għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport.

Dan il-proġett iġib flimkien erba imsieħba; Prisms - Malta, id-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Impjiegi - Malta, id-Direttorat Reġjonali tal-Edukazzjoni Primarja u Sekondarja ta' Kreta - Greċja u Associação Mais Cidadania - fil-Portugall, bil-għan li tinħoloq pjattaforma interattiva biex jiffaċilitaw l-għażliet ta' karriera għall-istudenti tal-iskola sekondarja ta' bejn l- 11 u 15 –il sena.

Matul il-livell sekondarju tal-edukazzjoni tagħhom, l-istudenti ikunu jridu jagħżlu numru ta' suġġetti biex imbagħad jiffokaw istudji tagħhom u din l-għażla twitti ukoll t-triq għall-għażliet professjonali tagħhom aktar tard fil-ħajja. Madankollu, f'din l-età, l-istudenti ma jirrealiżżawx eżatt dan x'jinvolvi. Barra minn hekk, fis-sitwazzjoni attwali, jekk student jagħmel tfittxija online, kwalunkwe informazzjoni dwar l-għażliet

u fuq xi karriera futura ma hix aċċessibbli u hija frammentata. L-informazzjoni ppreżentata hija wisq formali u tinstab f'diversi websajts u allura dan ifisser li huwa aktar diffiċli għal student ta' dik l-eta biex isib l-informazzjoni meħtieġa. Dan il-proġett sejjer tabilħaqq jindirizza dawn il-kwistjonijiet u jipprovdi soluzzjoni.

Permezz ta' riċerka ffukata, l-informazzjoni kollha disponibbli ser tiġi ggwidata lejn pjattaforma waħda u se tinkludi sensiela ta' filmati 'ġurnata fil-ħajja ta', u tagħti lill-istudenti idea aħjar ta' dak l-impjieg li qed jaspira għalih. L-imsieħba se jiltaqgħu perjodikament biex jissorveljaw l-operat u l-ġestjoni tal-proġett u wkoll biex jaqsmu l-għarfien u l-aħjar prattiċi.

Għal aktar informazzjoni wieħed għandu jibgħat email fuq prisms.malta@gmail.com jew billi tmorru fuq il-paġna Facebook tagħna Prisms Malta.